MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1230/1995/1

**John Camilleri, Alphonse Abela u Emanuel D'Amato fil-vesti rispettivi ta' President, Segretarju u Tezorier tal-Public Transport Association**

**vs**

**George Falzon u b'digriet tat-13 ta' Mejju, 1996 giet kjamata fil-kawza Rosaria Falzon mart George Falzon**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew:

Illi l-konvenut meta kien membru tal-kumitat tal-Assocjazzjoni tat-Trasnport Pubbliku kien ha tlett (3) 'two-way radios' flimkien mal-accessorji taghhom liema apparat huwa propjeta tal-atturi nomine;

Illi l-konvenut m'ghadux membru ta' dan il-kumitat u ghalhekk ma ghandux dritt illi jibqa jzomm dan l-apparat;

Illi huwa gie nterpellat jirritornahom u baqa' ma ghamilx dan u dan illum ma jistax jithaddem;

Illi dan il-fatt kkaguna danni lill-atturi;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:-

1. Tiddikjara l-konvenut responabbli ghal danni kkagunati lill-atturi billi zamm ghandu dawn l-oggetti meta ma kellux l-awtorita jaghmel dan;
.
2. Tillikwida l-ammont ta' danni kagunati okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi dawn id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' April 1995 u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Preliminarjament in-nullita tal-azzjoni stante li l-mara tal-konvenut m'hiex indikata u dan kif titlob l-ligi, in vista tal-emendi li saru effettivi fl-1 ta' Dicembru 1993;

2. Illi fil-mertu u minghajr prugudizzju ghas-suespost il-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-esponent m'ghandux pussess tar-radios kif qed jigi allegat liema 'two-way radios" pero kien ikollhom access ghalihom kull min jidhol fl-ufficcju u jkollu bzonn l-uzu taghhom;

3. Illi minghajr pregudizzu ghas-suespost hija fallaci biex tissuggerixxi li ‘l-apparat illum ma jistax jintuza aktar u garrab hsara irriparabbli ghas-socjeta’ attrici, liema haga tissuggerixxi li l-appart hu fil-pussess ta’ l-istess attrici – socjeta; din apparti, anki s-somma mitluba ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) bhala somma hija ecessiva u bla bazi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Mejju 1996 li bih giet ordnata l-kjamata in kawza ta’ Rosaria Falzon mart il-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Marzu 1997 minn fejn jirrizulta li l-kjamata fil-kawza ghamlet referenza ghan-nota ta’ eccezzjonijiet gia presentata mill-konvenut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Mejju 2000;

Ikkonsidrat :-

L-atturi, li huma l-ufficjali ewlenin tal-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, ghan-nom tal-istess assocjazzjoni, fic-citazzjoni, ppremettew li l-konvenut kien membru tal-kumitat tal-assocjazzjoni attrici u bhala tali kien ha fil-pussess tieghu tlett (3) ‘two-way radios’ proprjeta tal-istess assocjazzjoni u xi accessorji. Il-konvenut ma baqax membru tal-kumitat u ghalhekk huwa m’ghandux dritt li jzomm l-imsemmi apparat. Il-konvenut gie interpellat divertsi drabi biex jirritornah izda baqa inadempjenti. Skond l-atturi dan l-agir tal-konvenut kkaguna danni lill-assocjazzjoni attrici u ghalhekk qed issir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi dikjarat responabbli ghal dawn id-danni u sabiex l-istess danni jigu likwidati;

Bl-imsemmi digriet tat-13 ta' Mejju 1996, li permezz tieghu giet kjamata fil-kawza mart il-konvenut, giet sorvolata l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut;

Fil-mertu l-konvenuti, b'mod generali, qed jeccepixxu li huma m'ghandhomx fil-pussess taghhom l-apparat in kwestjoni, kif qed jallegaw l-atturi;

L-imsemmija pretensjonijiet tal-atturi ma jirrizultawx sufficjentement pruvati. L-atturi jippretendu li l-konvenut zamm ghandu apparat li jappartjeni lill-assocjazzjoni attrici. In effett l-atturi naqsu li jipproducu xi tip ta' prova, almenu ricevuta, li b'xi mod tissostanzja dak li qed jigi allegat minnhom;

Da parti tieghu l-konvenut jichad li huwa qatt kellu fil-pussess tieghu l-apparat kollu kif jallegaw l-atturi. Huwa jammetti li kellu ghandu biss radio wiehed u dan kien hadu sabiex juzah in konnessjoni max-xoghol rigwardanti l-festa ta' Haz-Zabbar. Huwa jghid li dan ir-radio kien irritornah fl-ufficini tal-assocjazzjoni attrici ftit granet wara li kien hadu. Inoltre l-konvenut jiddikjara li huwa qatt ma kien membru tal-kumitat tat-tmexxija tal-assocjazzjoni attrici. Huwa kien biss impjegat mal-istess assocjazzjoni bhala manager. Huwa jghid li kien gie mkecci minn dan l-impieg u ghalhekk kien inizja xi proceduri kontra l-istess assocjazzjoni. Difatti l-atturi bdew jitolbuh jirritorna l-apparat in kwestjoni wara li huwa ghamel l-imsemmija proceduri;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha konmtra l-atturi nomine.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------